FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

MAGISTRAT DR JACQUELINE PADOVANI LL.D. LL.M. (IMLI)

SEDUTA TA' NHAR IS-27 TA' LULJU 2000

PULIZIJA

SPETTUR A FARRUGIA MAMO

VS

DAVID GRECH

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat David Grech ta' 37 ena bin John Mary u emanuela nee Farrugia, imwieled is-Sgiwwiewi fit-23 ta' Settembru 1961 u resdienti 24, Jiacomo Leopardi Street, Siggiewi detentur ta' karta tal-identita bin-numru 628661M talli f'dawn il-gzejjer, f'dawn l-ahhar snin, b'diversi atti amghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess deposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda.

Talli approprija ruhu, billi dawar bi profitt ghalih jew gha; persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jw ikkunsinnata lilu that titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minha specifikat, u cioe ha flejjes li jammontaw ghal Lm4500 liema flejjes jappartjenu lil Pau Camilleri bi ksur tal-Artikolu 293 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:-

Illi mill-verbal tas-27 ta' Lulju 2000 gie konstatat illi l-kwerelant kien thallas is-somma originali mill-imputat liema somma kienet giet fdata lill-imputat sabiex jaghmel uzu specifikat minnha.

Dan il-hlas sar f'April 2000 u cioe qabel ma giet ippresentata din il-kawza.

Illi ghal dawn il-motivi u wara li rat Art 545 tal-kap 9, tiddikjara il-procediment esawriet.

MAGISTRAT

MARICA CARUANA
A/DEP REG.